



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 834/2014 tat-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-politika agrikola komuni** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 835/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Филе Елена (File Elena) (STG)]** 8
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 836/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 889/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku** 10
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 837/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [ЛЮКАНКА ПАНАГИУРСКА (LUKANKA PANAGYURSKA) (STG)]** 12
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 13

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 834/2014

tat-22 ta' Lulju 2014

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-politika agrikola komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 110(2) u (4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jipprevedi qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex titkejjel il-prestazzjoni tal-politika agrikola komuni (il-PAK). Jeħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli għall-applikazzjoni ta' dan il-qafas li jiżguraw valutazzjoni komprensiva u regolari tal-progress, tal-effettività u tal-effiċjenza tal-PAK meta mqabbla mal-għanijiet tagħha. Sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jdaħħlu fis-seħħ qafas konsistenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, għandu jiġi stabbilit sett ta' indikaturi komuni kif imsemmi fl-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.
- (2) Dawk l-indikaturi għandhom ikunu marbutin mal-istruttura u l-għanijiet tal-PAK u għandhom jissejju fuq elementi li jistgħu jitkejju. Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti indikaturi ta' tipi differenti sabiex il-PAK tkun tista' tiġi vvalutata fil-livelli kollha. L-indikaturi tal-impatt għandhom jirriflettu l-għanijiet ewlenin komuni tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Għal kull wieħed minn dawn l-għanijiet ewlenin komuni jistgħu jiġu identifikati għanijiet aktar speċifiċi, li għalihom jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-indikaturi tar-riżultati. Dawn l-għanijiet speċifiċi jinkludu l-introjt tal-azjendi agrikoli u l-varjabbiltà f'dan l-introjt, it-titjib tal-kompetittività tas-settur agrikolu, l-istabbiltà tas-swieq, l-aspettattivi tal-konsumaturi, il-provvediment ta' beni pubbliċi u l-preservazzjoni tal-ambjent, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għaliha, u ż-żamma ta' agrikoltura varjata, kif ukoll l-għanijiet speċifiċi ddefiniti għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR), jiġifieri l-prioritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni prattika tal-istrumenti tal-PAK għandha tiġi mmonitorjata abbażi ta' indikaturi tal-produzzjoni ("output") li jkunu kapaċi jirriflettu dan il-livell operattiv tal-PAK.
- (3) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jużaw il-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni b'mod effiċjenti u fil-ħin dovut. Għalhekk, għandu jkun previst li l-Istati Membri jibagħtu t-tagħrif meħtieġ għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK sad-dati ta' skadenza stabbiliti mir-Regolamenti rilevanti. Sabiex jiġi evitat kull piż amministrattiv bla bżonn, safejn ikun possibbli, il-Kummissjoni għandha tuża t-tagħrif li diġà għandha għad-dispożizzjoni tagħha.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 549.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Indikaturi

L-indikaturi li jippermettu li jiġu vvalutati l-progress, l-effettività u l-effiċjenza tal-politika agrikola komuni (il-PAK) meta mqabbla mal-għanijiet tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandhom ikunu jistgħu jitkejlu. Dawn l-indikaturi għandhom jinkludu:

- (a) indikaturi tal-impatt, kif speċifikat fit-Taqsima 1 tal-Anness ta' dan ir-Regolament, li jirriflettu oqsma li l-PAK misten-nija tinfluwenzahom;
- (b) indikaturi tar-riżultati, kif speċifikat fit-Taqsima 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament, li jirriflettu l-kisbiet ewlenin:
 - (i) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
 - (ii) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013;
 - (iii) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾; u
 - (iv) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾;
- (c) indikaturi tal-produzzjoni, kif speċifikat fit-Taqsima 3 tal-Anness ta' dan ir-Regolament, li jirriflettu l-implimentazzjoni tal-istrumenti relatati mal-PAK;
- (d) indikaturi tal-kuntest, kif imsemmi fit-Taqsima 4 tal-Anness ta' dan ir-Regolament, li jirriflettu l-aspetti rilevanti tax-xejriet kuntestwali ġenerali li x'aktarx jinfluwenzaw l-implimentazzjoni tal-PAK u l-kisbiet u l-prestazzjoni tagħha.

L-indikaturi tar-riżultati, l-indikaturi tal-produzzjoni u l-indikaturi tal-kuntest li huma rilevanti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR) għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 ⁽⁴⁾.

Artikolu 2

Għoti ta' tagħrif

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu t-tagħrif meħtieġ għall-għanijiet tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-PAK lill-Kummissjoni sad-dati ta' skadenza għar-rappurtar u għan-notifiki tat-tagħrif dwar it-tħaddim tal-istrumenti tal-PAK, kif previst fir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013. Dan it-tagħrif għandu jkun preċiż u affidabbli.
2. Għall-għanijiet tal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, safejn ikun possibbli, il-Kummissjoni għandha tuża t-tagħrif li ġej li l-Istati Membri jkunu diġà bagħtulha permezz tal-għodod eżistenti għall-iskambju tat-tagħrif:
 - (a) it-tagħrif, in-notifiki u r-rapporti mibgħuta lill-Kummissjoni b'rabta mal-implimentazzjoni tal-istrumenti li jitħaddmu fil-kuntest tal-PAK u mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni;
 - (b) it-tagħrif mibgħut lill-Kummissjoni għall-għanijiet tal-approvazzjoni tal-kontijiet;
 - (c) it-tagħrif mibgħut lill-Eurostat.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

⁽⁴⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 18).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

Indikaturi tal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK**1. L-indikaturi tal-impatt imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1**

1. L-introjt intraprenditorjali agrikolu
2. L-introjt tal-fattur agrikolu
3. Il-produttività totali tal-fatturi fl-agrikoltura
4. Il-varjabbiltà fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi fl-UE
5. L-evoluzzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur tal-prodotti tal-ikel
6. Il-bilanċ tal-kummerċ agrikolu
7. L-emissjonijiet mill-agrikoltura
8. L-indiċi tal-għasafar tal-art agrikola
9. Il-biedja ta' valur naturali għoli (HNV)
10. L-astrazzjoni tal-ilma fl-agrikoltura
11. Il-kwalità tal-ilma
12. Il-materja organika fil-ħamrija fir-raba' li jinħarat
13. L-erożjoni tal-ħamrija mill-ilma
14. Ir-rata ta' impjegi fiż-żoni rurali
15. Il-livell ta' faqar fiż-żoni rurali
16. Il-PDG għal kull persuna fiż-żoni rurali

2. L-indikaturi tar-riżultati msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1

1. Is-sehem tal-appoġġ dirett fl-introjt agrikolu
2. Il-varjabbiltà fl-introjt tal-azjendi agrikoli
 - skont it-tip ta' azjenda agrikola
 - skont id-daqs ekonomiku
3. Il-valur miżjud għall-produtturi primarji fil-katina alimentari
4. L-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE
 - is-sehem tal-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE mill-esportazzjonijiet dinjin
 - is-sehem tal-prodotti aħħarin mill-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE
5. L-intervent pubbliku: il-volum ta' prodotti mixtrija fl-intervent f'forma ta' ħżin bħala perċentwal tal-produzzjoni totali tal-UE
6. Il-ħżin privat: il-volum ta' prodotti li jinsabu fil-ħżin privat bħala perċentwal tal-produzzjoni totali tal-UE
7. Ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni: il-volum ta' prodotti esportati bir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni bħala perċentwal tal-produzzjoni totali tal-UE
8. Il-prezzijiet tal-prodotti bażiċi fl-UE meta mqabblin mal-prezzijiet dinjin (imqassmin skont il-prodotti)
9. Il-valur tal-produzzjoni li taqa' taħt l-iskemi tal-kwalità tal-UE meta mqabbel mal-valur totali tal-produzzjoni agrikola u tal-ikel
10. L-importanza tal-biedja organika
 - il-proporzjon taż-żona organika mill-erja agrikola kollha użata (EAU);
 - il-proporzjon ta' bhejjem imrobbjin b'mod organiku mill-għadd totali ta' bhejjem imrobbjin
11. Id-diversità tal-ghejjel
 - fl-azjenda agrikola (l-għadd ta' azjendi agrikoli skont l-għadd ta' ghejjel u d-daqs tagħhom)
 - f'reġjun

12. Is-sehem tal-bur mill-erja agrikola kollha użata (EAU)
13. Is-sehem taż-żona ta' interess ekoloġiku (ŻIE) mill-art agrikola
14. Is-sehem taż-żona maħduma skont prattiki aktar ekoloġiċi
15. L-emissjonijiet netti tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-ħamrija agrikola
16. Id-diversità strutturali
 - f'termini assoluti
 - f'termini relattivi
17. Indikaturi tar-riżultati oħrajn speċifikati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014.

3. L-indikaturi tal-produzzjoni (“output”) imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1

Pagamenti diretti

L-iskema ta' pagamenti bażiċi

- L-għadd ta' bdiewa
- L-għadd ta' ettari

L-iskema ta' pagament uniku skont l-erja

- L-għadd ta' bdiewa
- L-għadd ta' ettari

L-ghajjnuna nazzjonali tranżizzjonali (TNA)

- L-għadd ta' bdiewa
- L-għadd ta' unitajiet li għalihom tingħata t-TNA (f'ettari/animali/unitajiet oħrajn)

Il-pagament ridistributtiv

- L-għadd ta' bdiewa
- L-għadd ta' ettari

L-ekoloġizzazzjoni

- L-għadd totali ta' bdiewa li għandhom japplikaw tal-inqas obbligu wieħed marbut mal-ekoloġizzazzjoni
- L-għadd totali ta' ettari li jkunu ddikjaraw dawk il-bdiewa

L-eżenzjonijiet mill-ekoloġizzazzjoni

- L-għadd ta' bdiewa li ngħataw eżenzjoni, imqassmin fil-kategoriji li ġejjin: il-bdiewa tal-biedja organika, il-bdiewa eżentati mid-diversifikazzjoni tal-għelejjel u l-bdiewa eżentati mill-obbligu taż-żona ta' interess ekoloġiku (ŻIE)
- L-għadd ta' ettari li jkunu ddikjaraw dawk il-bdiewa (imqassmin fil-kategoriji li ġejjin: il-bdiewa tal-biedja organika, il-bdiewa eżentati mid-diversifikazzjoni tal-għelejjel u l-bdiewa eżentati mill-obbligu taż-żona ta' interess ekoloġiku (ŻIE))

Id-diversifikazzjoni tal-għelejjel

- L-għadd ta' bdiewa li jridu jagħmlu diversifikazzjoni tal-għelejjel (b'żewġ għelejjel jew bi tliet għelejjel)
- L-għadd ta' ettari ta' raba' li jinħarat li jkunu ddikjaraw il-bdiewa li jridu jagħmlu diversifikazzjoni tal-għelejjel (b'żewġ għelejjel jew bi tliet għelejjel)

Il-bwar permanenti

- L-għadd ta' bdiewa li għandhom bwar permanenti li jgħoddu għall-proporzjon
- L-għadd ta' ettari koperti mill-bwar permanenti li jkunu ddikjaraw il-bdiewa u li jgħoddu għall-proporzjon
- L-għadd ta' bdiewa li għandhom bwar permanenti f'żoni magħżulin bħala ambjentalment sensitivi
- L-għadd ta' ettari koperti minn bwar permanenti magħżulin bħala ambjentalment sensitivi li jkunu ddikjaraw dawn il-bdiewa
- L-għadd ta' ettari ta' bwar permanenti (totali) magħżulin bħala ambjentalment sensitivi

Iż-żoni ta' interess ekoloġiku (ŻIE)

- L-għadd ta' bdiewa li jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti taż-żoni ta' interess ekoloġiku (ŻIE)
- L-għadd ta' ettari ta' raba' li jinħarat li jkunu ddikjaraw il-bdiewa li jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti taż-żoni ta' interess ekoloġiku (ŻIE)
- L-għadd ta' ettari li jkunu ddikjaraw il-bdiewa bħala żoni ta' interess ekoloġiku (ŻIE), imqassmin skont it-tip ta' żona ta' interess ekoloġiku

L-ekwivalenza

- L-għadd ta' bdiewa li jkunu qed japplikaw miżuri ekwivalenti (skemi ta' ċertifikazzjoni jew miżuri agroambjentali u klimatiċi)
- L-għadd ta' ettari li jkunu ddikjaraw il-bdiewa li jkunu qed jimplementaw miżuri ekwivalenti (skemi ta' ċertifikazzjoni jew miżuri agroambjentali u klimatiċi)

Il-pagament lill-bdiewa żgħażaġh

- L-għadd ta' bdiewa
- L-għadd ta' ettari

L-iskema għall-bdiewa ż-żgħar

- L-għadd ta' bdiewa
- L-għadd ta' ettari

L-appoġġ akkoppjat volontarju

- L-għadd ta' benefiċjarji tal-appoġġ akkoppjat volontarju (imqassmin skont is-settur)
- Il-kwantitajiet eliġibbli (l-għadd ta' ettari jew l-għadd ta' annimali mqassmin skont is-settur)
- L-għadd ta' ettari
- L-għadd ta' annimali

Il-pagament għal żoni b'limitazzjonijiet naturali

- L-għadd ta' bdiewa
- L-għadd ta' ettari

Il-programmi nazzjonali għas-settur tal-qoton

- L-għadd ta' bdiewa
- L-għadd ta' ettari

Miżuri tas-suq*L-intervent pubbliku*

- Il-volum
- It-tul ta' żmien

Il-ħżin privat

- Il-volum
- It-tul ta' żmien

Ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni

- Il-volum ta' prodotti esportati bir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni

Miżura eċċezzjonali

- [skont kif ikun xieraq]

L-organizzazzjonijiet tal-produtturi

- Il-perċentwal tal-produzzjoni kkummerċjalizzata mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u mill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi

L-iskemi għall-iskejjel

- L-għadd ta' benefiċjarji aħħarin tal-iskema tal-ħalib għall-iskejjel
- L-għadd ta' benefiċjarji aħħarin tal-iskema tal-frott għall-iskejjel

Is-settur tal-inbid

- L-għadd ta' ettari għat-tħawwil ta' dwieli ġodda
- L-għadd ta' ettari ta' vinji ristrutturati
- L-għadd ta' proġetti ta' promozzjoni fis-settur tal-inbid
- L-għadd ta' proġetti ta' investiment u ta' miżuri innovattivi

Aspetti orizzontali*Il-kundizzjonalità*

- L-għadd ta' ettari li huma suġġetti għall-kundizzjonalità
- Is-sehem tal-pagamenti tal-PAK li huma suġġetti għall-kundizzjonalità

Il-politika tal-kwalità

- L-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-settur tal-inbid
- L-għadd ta' denominazzjonijiet protetti tal-orijini, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti ġodda skont is-settur

Il-biedja organika

- L-għadd ta' ettari (totali u li għaddejjin minn konverżjoni)
- L-għadd ta' operaturi organiċi ċertifikati rreġistrati

Il-politika ta' promozzjoni

- L-għadd ta' programmi (fl-UE u 'l barra minnha)
- L-għadd ta' organizzazzjonijiet proponenti ġodda

Is-sistema konsultattiva għall-farms

- L-għadd ta' bdiewa li ngħataw pariri

Żvilupp Rurali

L-indikaturi tal-produzzjoni speċifikati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014.

4. L-indikaturi tal-kuntest imsemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1

L-indikaturi speċifikati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 835/2014**tal-31 ta' Lulju 2014****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Филе Елена (File Elena) (STG)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Филе Елена" (File Elena), imressqa mill-Bulgarija, ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (2) Ġaladarba ma ġiet innotifikata l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Филе Елена" (File Elena) għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU C 343, 14.12.2012, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 70, 8.3.2014, p. 6.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem imniżżlin fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)

IL-BULGARIJA

Филе Елена (File Elena) (STG)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 836/2014**tal-31 ta' Lulju 2014****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 889/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ⁽²⁾ jippermetti eċċezzjonalment, sal-31 ta' Diċembru 2014, taħt ċerti kundizzjonijiet u meta ma jkunx hemm disponibbli għawwietaq imrobbija b'mod organiku, għawwietaqmhux imrobbija b'mod organiku għall-produzzjoni tal-bajd ta' mhux aktar minn 18-il ġimgħa biex jiddaħħal funità ta' bhejjem organiċi.
- (2) L-iżvilupp ta' regoli armonizzati tal-produzzjoni organika għat-tjur żgħar fil-livell tal-Unjoni huwa kumpless, peress li l-opinjoni dwar il-ħtiġijiet tekniċi jvarjaw ħafna. Sabiex ikun hemm iżjed żmien biex jiġu stabbiliti regoli ddettaljati għall-produzzjoni ta' għawwietaq organiċi, id-disposizzjoni eċċezzjonali dwar l-użu ta' għawwietaq mhux organiċi tiġi estiża għal tliet snin.
- (3) L-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 jippermetti b'mod eċċezzjonali, għas-snin 2012, 2013 u 2014, ammont massimu ta' 5 % ta' għalf mhux organiku tal-proteini biex jintuża għall-ispeċi porċina u tat-tjur.
- (4) Il-provvista tal-proteini organiċi ma kienitx disponibbli fis-suq tal-Unjoni b'kwalità u kwantità suffiċjenti sabiex til-ħaq il-ħtiġijiet ta' nutriment tal-ħnieżer u tat-tjur imrobbija fi rziezet organiċi. Il-produzzjoni tal-għelejjel organiċi tal-proteini għadha lura meta mqabbla mad-domanda. Għalhekk jixraq li tiġi estiża l-possibbiltà eċċezzjonali ta' użu ta' proporzjon limitat ta' għalf mhux organiku tal-proteini għal perjodu ta' żmien limitat.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 889/2008 għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat regolatorju għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 889/2008**

Ir-Regolament (KE) Nru 889/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 42(b) id-data "31 ta' Diċembru 2014" tinbidel bid-data "31 ta' Diċembru 2017".
- (2) Fl-Artikolu 43, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-perċentwal massimu ta' għalf mhux organiku tal-proteini awtorizzat għal kull perjodu ta' 12-il xahar għal dawk l-ispeċi għandu jkun ta' 5 % għas-snin 2015, 2016 u 2017."

⁽¹⁾ ĠUL 189, 20.7.2007, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 837/2014**tal-31 ta' Lulju 2014****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [ЛЮКАНКА ПАНАГОРСКА (LUKANKA PANAGYURSKA) (STG)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni mressqa mill-Bulgarija għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "ЛЮКАНКА ПАНАГОРСКА" ("LUKANKA PANAGYURSKA") ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "ЛЮКАНКА ПАНАГОРСКА" ("LUKANKA PANAGYURSKA") għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni "ЛЮКАНКА ПАНАГОРСКА" ("LUKANKA PANAGYURSKA") (STG) hija b'dan irreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-klassi 1.2. Prodotti abbażi tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 668/2014 tal-Kummissjoni ⁽³⁾.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 89, 28.3.2014, p. 57.⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠUL 179 du 19.6.2014, p. 36).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 838/2014**tal-31 ta' Lulju 2014****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jip-preskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠUL 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 KG)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	TR	41,5
	ZZ	41,5
0707 00 05	MK	65,0
	TR	96,7
	ZZ	80,9
0709 93 10	TR	97,2
	ZZ	97,2
0805 50 10	AR	133,0
	CL	172,6
	MGB	99,6
	UY	146,9
	ZA	153,1
	ZZ	141,0
	0806 10 10	BR
0808 10 80	CL	90,0
	EG	176,8
	MA	146,7
	TR	164,3
	ZZ	146,6
	AR	155,6
	BR	104,4
0808 30 90	CL	105,9
	NZ	134,3
	US	155,8
	ZA	125,7
	ZZ	130,3
	AR	59,5
	CL	90,3
0809 29 00	NZ	177,1
	TR	191,6
	ZA	92,9
	ZZ	122,3
	CA	324,1
	TR	394,7
	US	408,0
ZZ	375,6	

(EUR/100 KG)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0809 30	MK	60,3
	TR	140,2
	ZZ	100,3
0809 40 05	BA	42,8
	MK	126,8
	TR	141,2
	ZZ	103,6

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT